Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2168(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2168(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għas-sena finanzjarja 2022 bħala legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Jieħu nota ta' osservazzjoni kontinwa mill-2020 dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ibbażati fuq l-iffirmar ta' kuntratt qafas ma' kumpanija waħda għall-kiri ta' vetturi, li rriżulta f'pagament irregolari ta' EUR 59 281 għall-perjodu ta' rapportar; jinnota li l-kuntratt se jiskadi fl-2024 u li kwalunkwe kuntratt speċifiku sussegwenti nħareġ fl-ambitu ta' dan il-kuntratt qafas; jistieden lill-Eurojust tindirizza bis-sħiħ din l-osservazzjoni, timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress miksub;

3. Barra minn hekk, jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-Eurojust ma kkonformatx mal-iskadenzi fil-limiti ta' żmien għall-pagamenti stipulati fl-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju; jirrikonoxxi r-rispons tal-Eurojust li qed tiffaċċja perjodu ta' aġġustament għal sistema baġitarja u finanzjarja ġdida SUMMA li kienet fil-fażi pilota u li kkawżat dewmien u diffikultajiet tekniċi fl-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet; ifakkar li r-riporti fl-Eurojust huma ferm taħt il-livelli limitu;

4. Jilqa' l-fatt li l-każijiet ittratti mill-Eurojust qed jiżdiedu b'mod kostanti, (fl-2022 b'14 %) u li ġew organizzati 528 Laqgħa ta' Koordinazzjoni u 22 Ċentru ta' Koordinazzjoni, u li l-Eurojust appoġġjat 265 Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta, iffaċilitat l-eżekuzzjoni ta' 1 262 Mandat ta' Arrest Ewropew u ppermettiet l-użu ta' 5 415 Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea; jinnota li l-każijiet ittrattati mill-Eurojust fl-2022 involvew aktar mit-triplu tan-numru ta' vittmi meta mqabbel mal-2021;

5. Japprezza l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ffaċilitata mill-Eurojust u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi kollha fil-katina tal-ġustizzja kriminali, li kkontribwixxiet għall-arrest ta' aktar minn 4 000 persuna suspettata, il-qbid u/jew l-iffriżar ta' assi kriminali b'valur ta' kważi EUR 3 biljun u l-qbid ta' drogi b'valur ta' kważi EUR 12 biljun;

6. Jieħu nota tal-fatt li bħala rispons rapidu għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-mandat tal-Eurojust ġie estiż biex jinkludi l-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin ta' evidenza relatata ma' delitti internazzjonali l-aktar serji u l-ħolqien ta' bażi ta' data ġudizzjarja biex tinġabar u tiġi analizzata l-evidenza dwar id-delitti internazzjonali l-aktar serji;

7. Jilqa' l-isforzi tal-Eurojust biex tappoġġja d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u l-implimentazzjoni tas-Sistema l-ġdida ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-Eurojust;

8. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-Eurojust ma' Aġenziji oħra tal-ĠAI u partijiet ikkonċernati oħra; l-14-il każ miftuħa li jinvolvu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku

Ewropew (UPPE), u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS), l-eu-LISA u li l-Eurojust kompliet tikkoopera man-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE), b'mod li n-numru ta' każijiet riferiti lill-NĠE fl-2021 tela' għal 44; jilqa' wkoll iż-żieda fil-punti ta' kuntatt tal-Eurojust għal aktar minn 60 pajjiż;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
European Union Agency for Criminal Justice Cooperation (Eurojust)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa
ID	Tom Vandendriessche
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

2	-
ID	Nicolaus Fest
NI	Milan Uhrík

2	0
ECR	Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni